SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla)

31 ta' Ottubru 2019*

"Appell – Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità – Revoka tad-deċiżjoni inizjali tal-Bord tal-Appell li kienet tiċħad parzjalment it-talba għad-dikjarazzjoni ta' invalidità tat-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea REPOWER"

Fil-Kawża C-281/18 P,

li għandha bħala suġġett appell skont l-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, imressaq fl-20 ta' April 2018

Repower AG, stabbilita f'Brusio (l-Isvizzera), irrappreżentata minn R. Kunz-Hallstein, H. P. Kunz-Hallstein u V. Kling, Rechtsanwälte,

appellanti,

il-partijiet l-oħra fil-kawża li huma:

L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO), irrappreżentat minn D. Botis u J. F. Crespo Carrillo, bħala aġenti,

konvenut fl-ewwel istanza,

repowermap.org, stabbilita f'Berne (l-Isvizzera), irrappreżentata minn P. González-Bueno Catalán de Ocón, abogado,

intervenjenti fl-ewwel istanza,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla),

komposta minn K. Lenaerts, President tal-Qorti tal-Ġustizzja, li qiegħed jaġixxi bħala President tat-Tieni Awla, T. von Danwitz u C. Vajda (Relatur), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Campos Sánchez-Bordona,

Reġistratur: V. Giacobbo-Peyronnel, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-14 ta' Marzu 2019,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tas-16 ta' Mejju 2019,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

Sentenza

1 Permezz tal-appell tagħha, Repower AG titlob l-annullament tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tal-21 ta' Frar 2018, Repower vs EUIPO – repowermap.org (REPOWER) (T-727/16, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata", EU:T:2018:88), li permezz tagħha din ċaħdet ir-rikors tagħha intiż għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO), tat-3 ta' Awwissu 2016 (Każ R 2311/2014-5 (REV)), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn repowermap.org u Repower (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kontenzjuża").

Il-kuntest ġuridiku

2 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009 tas-26 ta' Frar 2009 dwar it-trademark tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2009, L 78, p. 1), ġie emendat bir-Regolament (UE) 2015/2424 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2015 (ĠU 2015, L 341, p. 21, rettifiki fil- ĠU 2016, L 71, p. 322, fil-ĠU 2016, L 110, p. 4, u fil-ĠU 2016, L 267, p. 1), li daħal fis-seħħ fit-23 ta' Marzu 2016. Peress li d-deċiżjoni kontenzjuża ġiet adottata fit-3 ta' Awwissu 2016, huma applikabbli għaliha d-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 207/2009, kif emendat bir-Regolament 2015/2424.

3 Ir-Regolament Nru 207/2009, kif emendat bir-Regolament 2015/2424 jinkludi Titolu IX, intitolat "Proċedura". Dan it-titolu jinkludi Taqsima I intitolata "Dispożizzjonijiet ġenerali", kompost mill-Artikoli 75 sa 84 ta' dan ir-regolament. L-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 2015/2424 jipprevedi li wħud mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 207/2009 ma humiex applikabbli ħlief mill-1 ta' Ottubru 2017. L-Artikolu 75, l-Artikolu 80(1) u (2) kif ukoll l-Artikolu 83 tar-Regolament Nru 207/2009 jinsabu fost daw id-dispożizzjonijiet. Fil-kawża ineżami, b'teħid inkunsiderazzjoni tad-data tal-adozzjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża, jibqgħu applikabbli għal din id-deċiżjoni l-Artikolu 75, l-Artikolu 80(1) u (2), kif ukoll l-Artikolu 83 tar-Regolament Nru 207/2009 fil-verżjoni tiegħu inizjali.

4 Skont l-Artikolu 75 tar-Regolament Nru 207/2009, intitolat "Stqarrija tar-raġunijiet li fuqhom id-deċiżjonijiet huma bbażati":

"Id-deċiżjonijiet tal-Uffiċċju għandhom jistqarru r-raġunijiet li fuqhom huma bbażati. Dawn għandhom ikunu bbażati biss fuq raġunijiet jew fuq xiehda fir-rigward ta' liem il-partijiet konċernati kellhom l-opportunità li jippreżentaw il-kummenti tagħhom."

5 L-Artikolu 80(1) u (2) tar-Regolament Nru 207/2009, intitolat "[Kanċellament jew r]evoka tad-deċiżjonijiet" jipprovdi li:

"1. Meta l-Uffiċċju jkun daħħal fir-reġistru jew anki jkun ħa deċiżjoni li jkun fiha żball proċedurali ovvju attribwibbli għall-Uffiċċju, dan għandu jassigura li d-dħul ikun ikkanċellat jew li d-deċiżjoni tkun revokata. Meta jkun hemm parti waħda biss għall-proċedimenti u d-dħul jew l-att jaffettwa d-drittijiet tagħha, il-kanċellament jew ir-revoka għandhom ikunu determinati anki jekk l-iżball ma jkunx evidenti għall-parti.

2. Kanċellament jew revoka kif referut fil-paragrafu 1 għandu jkun determinat, *ex officio* jew mat-talba ta' waħda mill-partijiet għall-proċedimenti, mid-dipartiment li jkun għamel id-dħul jew li jkun ħa d-deċiżjoni. Il-kanċellament jew ir-revoka għandhom ikunu determinati fi żmien sitt xhur mid-data li fiha d-dħul ikun seħħ fir-Reġistru jew minn meta d-deċiżjoni tkun ittieħdet, wara konsultazzjoni mal-partijiet tal-proċedimenti u kwalunkwe proprjetarju ta' drittijiet ta' trade mark tal-Komunità f'dak il-każ ikunu mdaħħla fir-Reġistru."

6 L-Artikolu 83 tar-Regolament Nru 207/2009, intitolat "Referenza għall-prinċipji ġenerali", jipprovdi li:

"Fin-nuqqas ta' dispożizzjonijiet proċedurali f'dan ir-Regolament, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, ir-regolamenti dwar miżati jew ir-regolamenti tal-proċedura tal-Bordijiet tal-Appell, l-Uffiċċju għandu jimxi fuq il-prinċipji ta' liġi proċedurali ġeneralment rikonoxxuti mill-Istati Membri."

Il-fatti li wasslu għall-kawża

7 Il-Qorti Ġenerali esponiet il-fatti li wasslu għall-kawża fil-punti 1 sa 12 fis-sentenza appellata bil-mod kif ġej:

"1 Fis-26 ta' Ġunju 2009, skont ir-Regolament tal-Kunsill […] Nru 207/2009 […], ir-rikorrenti, [Repower], kisbet mill-[EUIPO], il-protezzjoni fl-Unjoni Ewropea tar-reġistrazzjoni internazzjonali Nru 1020351 tat-trade mark verbali REPOWER.

[…]

3 Fit-3 ta' Ġunju 2013, l-intervenjenti, repowermap.org, ressqet talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità tat-trade mark ikkontestata […]. Hija sostniet li t-trade mark ikkontestata kienet deskrittiva u ma għandhiex karattru distintiv għall-prodotti u s-servizzi kollha koperti minn din it-trade mark.

4 Fid-9 ta' Lulju 2014, id-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni laqgħet [parzjalment] it-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità […]

[…]

6 Fit-8 ta' Settembru 2014, l-intervenjenti ppreżentat appell quddiem l-EUIPO, skont l-Artikoli 58 sa 64 tar-Regolament Nru 207/2009 […], kontra d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni.

7 B'deċiżjoni tat-8 ta' Frar 2016, il-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO ċaħad l-appell (iktar 'il quddiem, id-"deċiżjoni tat-8 ta' Frar 2016"). […]

8 B'rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fis-26 ta' April 2016, l-intervenjenti ppreżentat rikors kontra d-deċiżjoni tat-8 ta' Frar 2016. Din il-kawża ġiet irreġistrata bin-numru T-188/16.

9 B'komunikazzjoni tat-22 ta' Ġunju 2016, il-Ħames Bord tal-Appell informa lill-partijiet li, wara l-preżentata tar-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali fil-Kawża T-188/16, repowermap vs EUIPO – Repower (REPOWER), dan kien ikkonstata li d-deċiżjoni tat-8 ta' Frar 2016 kienet ivvizzjata b'insuffiċjenza ta' motivazzjoni fis-sens tal-Artikolu 75 tar-Regolament Nru 207/2009 […]. Huwa speċifika li, minħabba din l-insuffiċjenza ta' motivazzjoni u b'applikazzjoni tal-Artikolu 80 tar-Regolament Nru 207/2009 […], huwa qies rilevanti li jirrevoka d-deċiżjoni tat-8 ta' Frar 2016, sabiex jipproċedi bl-analiżi ddettaljata tal-karattru distintiv u deskrittiv tat-trade mark ikkontestata fir-rigward tal-prodotti u tas-servizzi koperti minn dan is-sinjal. Huwa stieden lill-partijiet jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom dwar l-intenzjoni tiegħu li jirrevoka d-deċiżjoni tat-8 ta' Frar 2016.

10 Ir-rikorrenti bagħtet osservazzjonijiet fil-5 ta' Lulju 2016. Hija sostniet, essenzjalment, li sakemm id-dispożittiv tad-deċiżjoni tat-8 ta' Frar 2016 ma kienx mibdul, kien possibbli li jiġu sostnuti l-motivi, skont il-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 83 tar-Regolament Nru 207/2009 […] Min-naħa l-oħra, hija tikkunsidra li revoka tad-deċiżjoni tat-8 ta' Frar 2016 abbażi tal-Artikolu 80 tar-Regolament Nru 207/2009, li ma kienx jeżisti jew ma jeżistix iktar fil-verżjoni kkonsolidata tar-Regolament Nru 207/2009 mqiegħda online fid-database EUR-lex, ma kinitx possibbli sa fejn dan l-artikolu jagħti biss setgħa lill-eżaminaturi tal-EUIPO u fejn nuqqas ta' motivazzjoni ma

kienx jikkostitwixxi difett proċedurali fis-sens tal-Artikolu 80 tar-Regolament Nru 207/2009. Finalment, hija sostniet li mid-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell Estiż tal-EUIPO tat-28 ta' April 2009 (Każ R 323/2008-G) (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni tal-Bord tal-Appell Estiż") jirriżulta li d-deċiżjonijiet tal-EUIPO li fir-rigward tagħhom kien pendenti rikors quddiem il-Qorti Ġenerali ma jistgħux jiġu rrevokati.

11 L'intervenjenti bagħtet osservazzjonijiet fl-20 ta' Lulju 2016. Hija sostniet li l-Artikolu 80 tar-Regolament Nru 207/2009, bħala regola speċifika, kien applikabbli minflok prinċipji ġenerali li għalihom jagħmel riferiment l-Artikolu 83 tar-Regolament Nru 207/2009. Hija rrilevat ukoll li t-tweġiba li għandha tingħata għall-kwistjoni dwar jekk insuffiċjenza ta' motivazzjoni tikkostitwixxix żball proċedurali kienet inċerta u li kienet teżisti probabbiltà kunsiderevoli li revoka tad-deċiżjoni tat-8 ta' Frar 2016 minħabba insuffiċjenza ta' motivazzjoni ma tkunx ammessa. Hija qieset li, fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkustanzi, l-aħjar kien li titkompla l-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali fil-Kawża T-188/16, repowermap vs EUIPO – Repower (REPOWER).

12 B[id-]deċiżjoni [kontenzjuża], il-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO rrevoka d-deċiżjoni tat-8 ta' Frar 2016 […]. Dan spjega li għall-kuntrarju tad-dubji murija mill-partijiet, l-Artikolu 80 tar-Regolament Nru 207/2009 xorta baqa' applikabbli wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament 2015/2424. Minbarra dan, dan irrileva li l-EUIPO kellu l-obbligu li jimmotiva d-deċiżjonijiet tiegħu u b'mod partikolari, li janalizza l-motivi ta' rifjut fir-rigward tal-prodotti u s-servizzi kkonċernati, b'tali mod li l-insuffiċjenza ta' motivazzjoni, kif osservata fid-deċiżjoni tat-8 ta' Frar 2016, kienet żball proċedurali manifest, fis-sens tal-Artikolu 80 tar-Regolament Nru 207/2009, li kellu jiġi kkoreġut."

Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza appellata

8 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fl-10 ta' Ottubru 2016, l-appellanti ppreżentat rikors intiż għall-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża.

9 Insostenn tar-rikors tagħha, l-appellanti invokat erba' motivi bbażati, l-ewwel nett, fuq nuqqas ta' bażi legali, it-tieni nett, fuq in-nuqqas ta' kompetenza tal-Bordijiet tal-Appell li jirrevokaw id-deċiżjonijiet tagħhom, it-tielet nett, fuq ksur tal-Artikolu 80 tar-Regolament Nru 207/2009, tal-linji gwida għall-eżami tal-EUIPO kif ukoll tal-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba, ta' ċertezza legali u tal-awtorità ta' *res judicata* u r-raba' nett, fuq nuqqas ta' motivazzjoni.

10 Permezz tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors kollu kemm hu. Fil-punti 53 sa 59 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali qabelxejn qieset li l-Bord tal-Appell ma setax jibbaża d-deċiżjoni kontenzjuża fuq l-Artikolu 80(1) tar-Regolament Nru 207/2009, peress li nuqqas ta' motivazzjoni ma jikkostitwixxix żball proċedurali ovvju fis-sens ta' din id-dispożizzjoni. Fil-punti 60 sa 88 u 92 sa 95 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali qieset, sussegwentement, li d-deċiżjoni kontenzjuża setgħet tkun ibbażata fuq il-prinċipju ġenerali tad-dritt li jawtorizza l-irtirar ta' att amministrattiv illegali, billi l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' dan il-prinċipju kienu ssodisfatti. Minkejja li l-EUIPO wettaq żball fl-għażla tal-bażi legali tad-deċiżjoni kontenzjuża, il-Qorti Ġenerali fakkret, fil-punt 89 tas-sentenza appellata, li tali żball ma jwassalx għall-annullament tal-att ikkonċernat ħlief meta jkun jista' jkollu konsegwenzi fuq il-kontenut ta' dan. Billi kkonsatat, fil-punti 90 u 91 tas-sentenza appellata, li l-iżball tal-Bord tal-Appell rigward l-għażla legali ma kienx jiġġustifika l-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors.

It-talbiet tal-partijiet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

11 Permezz tal-appell tagħha, Repower titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tannulla s-sentenza appellata;

– tannulla d-deċiżjoni kontenzjuża, u

– tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

12 L-EUIPO u repowermap.org jitolbu li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha tiċħad l-appell u tikkundanna lil Repower għall-ispejjeż.

Fuq l-appell

Fuq l-interess ġuridiku

L-argumenti tal-partijiet

13 Skont repowermap.org, l-appellanti ma għandhiex iktar interess titlob l-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża. Filwaqt li tirreferi għall-punt 91 tas-sentenza appellata, repowermap.org tindika li minħabba l-fatt li l-Qorti Ġenerali kkonstatat li d-deċiżjoni tat-8 ta' Frar 2016 kienet ivvizzjata b'nuqqas ta' motivazzjoni, hija għandha tannulla din id-deċiżjoni mill-kuntest tal-proċedura relattiva għall-kawża rreġistrata taħt in-numru T-188/16, li attwalment hija pendenti quddiemha, fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tilqa' l-appell u tannulla d-deċiżjoni kontenzjuża. Tali sitwazzjoni twassal għal proċeduri supplimentari filwaqt li r-riżultat probabbilment ma jkunx differenti mis-sitwazzjoni attwali. Għaldaqstant, peress li l-appellanti ma tista' tislet ebda benefiċċju mill-fatt li d-deċiżjoni tat-8 ta' Frar 2016 tibqa' fis-seħħ, repowermap.org tqis li l-appell huwa inammissibbli.

14 Waqt is-seduta, l-appellanti ddikjarat li kien għad kellha interess li tikseb l-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża. Hija sostniet b'mod partikolari, b'riferiment għar-raba' aggravju tagħha, li d-deċiżjoni kontenzjuża kellha l-effett li tirrevoka d-deċiżjoni tat-8 ta' Frar 2016 kollha kemm hi filwaqt li din tal-aħħar kienet parzjalment favoriha. Hija kkonkludiet li l-annullament tas-sentenza appellata u tad-deċiżjoni kontenzjuża u, konsegwentement, il-fatt li d-deċiżjoni tat-8 ta' Frar 2016 tibqa' fis-seħħ ikollhom il-konsegwenza tal-kontinwazzjoni tal-proċedura fil-kawża T-188/16, u dan jippermettilha tinvoka l-pretensjonijiet tagħha, inkluż fl-appell quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, sabiex timpedixxi l-annullament ta' din id-deċiżjoni u tissalvagwardja għaldaqstant id-drittijiet li hija tislet mill-imsemmija deċiżjoni.

15 Matul is-seduta, l-EUIPO qies li l-appellanti ma għandhiex iktar interess ġuridiku. Filwaqt li ammetta li parti mid-deċiżjoni tat-8 ta' Frar 2016 hija favorevoli għall-appellanti, l-EUIPO fakkar li huwa stess irrikonoxxa li din id-deċiżjoni kienet ivvizzjata b'illegalità b'riżultat ta' nuqqas ta' motivazzjoni, tant li, f'dawn iċ-ċirkustanzi, l-appellanti ma tistax tinvoka l-benefiċċju tal-imsemmija deċiżjoni.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

16 Hija ġurisprudenza stabbilita li l-eżistenza ta' interess ġuridiku għall-appellant tippreżumi li l-appell jista', permezz tar-riżultat tiegħu, jagħtih benefiċċju (sentenzi tad-19 ta' Ottubru 1995, Rendo *et* vs Il-Kummissjoni, C-19/93 P, EU:C:1995:339, punt 13; digriet tal-5 ta' Lulju 2018, Wenger vs EUIPO, C-162/18 P, mhux ippubblikat, EU:C:2018:545, punt 13 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tat-13 ta' Lulju 2000, Il-Parlament vs Richard, C-174/99 P, EU:C:2000:412, punt 33).

17 Fil-każ ineżami, huwa paċifiku li d-deċiżjoni tat-8 ta' Frar 2016, irrevokata bid-deċiżjoni kontenzjuża, kienet favorevoli għall-appellanti, sa fejn hija kienet tiċħad ir-rikors ippreżentat minn repowermap.org kontra d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni tad-9 ta' Lulju 2014, li hija stess kienet parzjalment favur l-appellanti.

18 Għaldaqstant, fil-każ li l-appell fil-kawża preżenti jiġi milqugħ u sussegwentement id-deċiżjoni kontenzjuża tiġi annullata, id-deċiżjoni tat-8 ta' Frar 2016 tinżamm fis-seħħ u l-appell jagħti, permezz tar-riżultat tiegħu, benefiċċju lill-appellanti. Fil-fatt, il-fatt li din id-deċiżjoni tibqa' possibbilment fis-seħħ, tiżgura lill-appellanti l-possibbiltà li ż-żomm il-protezzjoni fl-Unjoni Ewropea tar-reġistrazzjoni internazzjonali Nru 1020351 tat-trade mark verbali REPOWER għal ċerti prodotti u servizzi.

19 Din il-konstatazzjoni ma hijiex invalidata bl-argument li repowermap.org li jipprovdi li, fil-punt 91 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali indikat li d-deċiżjoni tat-8 ta' Frar 2016 għandha tiġi annullata, fil-kuntest tar-rikors għal annullament irreġistrat taħt in-numru tal-Kawża T-188/16 u li, għaldaqstant jekk l-appell jiġi milqugħ dan jagħti biss benefiċċju temporanju lill-appellanti.

20 Fil-fatt, ma huwiex l-obbligu tal-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kuntest tal-eżami tal-interess ġuridiku, li tirrifjuta l-eżistenza ta' tali interess minħabba li, fis-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali evalwat b'mod inċidentali l-legalità tad-deċiżjoni tat-8 ta' Frar 2016, minkejja li din ma kinitx is-suġġett tar-rikors ippreżentat quddiemha. Sa fejn huwa neċessarju li tittieħed inkunsiderazzjoni d-deċiżjoni tat-8 ta' Frar 2016, li hija marbuta intrinsikament mad-deċiżjoni kontenzjuża, għandu jiġi rrilevat li din hija kwistjoni sostantiva, fejn il-Qorti tal-Ġustizzja ma tistax titlaq mill-ipoteżi li d-deċiżjoni tat-8 ta' Frar 2016 hija illegali fl-istadju tal-eżami tal-interess ġuridiku. F'dan il-kuntest, huwa neċessarju, imma suffiċjenti, li permezz tar-riżultat tiegħu, l-appell ippreżentat quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jkun jista' jagħti benefiċċju lill-parti li tkun ressqitu, u dan huwa l-każ hawnhekk, hekk kif jirriżulta mill-punti 17 u 18 tas-sentenza preżenti.

21 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkonstatat li l-appellanti għandha interess ġuridiku għall-finijiet tal-appell preżenti.

Fuq il-mertu

22 L-appellanti tressaq ħames aggravji insostenn tal-appell tagħha. Permezz tal-ewwel aggravju, l-appellanti tiddikjara li, billi biddel l-argumentazzjoni tiegħu relattiva għall-bażi legali tad-deċiżjoni kontenzjuża, matul il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali, billi rrikorra għall-prinċipju ġenerali tad-dritt li jawtorizza l-irtirar ta' att amministrattiv illegali, l-EUIPO biddel is-suġġett stess tal-kawża. Fil-kuntest tat-tieni aggravju tagħha, l-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali applikat, b'mod żbaljat, il-prinċipju ġenerali tad-dritt li jawtorizza l-irtirar ta' att amministrattiv illegali, sa fejn id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 207/2009 fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża kienu jikkostitwixxu *leges speciales* u ma kinux jippermettu, minħabba f'hekk, li dan il-prinċipju jiġi applikat. Permezz tat-tielet aggravju tagħha, l-appellanti tikkritika lill-Qorti Ġenerali li qalbet l-oneru tal-provi fil-kuntest tal-Artikolu 83 tar-Regolament Nru 207/2009. Permezz tar-raba' aggravju tagħha, l-appellanti tallega li, anki jekk jiġi preżunt li l-prinċipju ġenerali tad-dritt li jawtorizza l-irtirar ta' att amministrattiv illegali huwa applikabbli, id-deċiżjoni tat-8 ta' Frar 2016 ma kellhiex tkun irrevokata kollha kemm hi għal raġunijiet ta' ċertezza legali. Finalment, il-ħames aggravju huwa bbażata fuq nuqqas ta' motivazzjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża.

Fuq l-ewwel sar-raba' aggravju

23 Permezz tal-ewwel sar-raba' aggravju tagħha, l-appellanti essenzjalment issostni li billi applikat il-prinċipju ġenerali tad-dritt li jawtorizza l-irtirar ta' att amministrattiv illegali, u fil-każ ineżami flimkien mal-Artikolu 83 tar-Regolament Nru 207/2009, il-Qorti Ġenerali wettqet żbalji ta' liġi.

24 B'mod partikolari, fil-kuntest tat-tieni aggravju, li għandu jiġi eżaminat fl-ewwel lok, l-appellanti partikolarment issostni li l-Qorti Ġenerali injorat il-prinċipju li jipprovdi li l-liġijiet speċjali jidderogaw mil-liġijiet ġenerali. Skont l-appellanti, l-Artikolu 80(1) tar-Regolament Nru 207/2009 ma jippermettix, bħala regola ta' eċċezzjoni u *lex specialis*, li wieħed jirrekorri għall-prinċipji ta' dritt ammessi b'mod ġenerali fl-Istati Membri, imsemmija fl-Artikolu 83 ta' dan ir-regolament, u lanqas għall-prinċipju ġenerali tad-dritt li jawtorizza l-irtirar ta' att amministrattiv illegali. Fil-fatt, l-EUIPO jista' jirrevoka d-deċiżjonijiet tiegħu biss fis-sitwazzjoni prevista minn din id-dispożizzjoni u fin-nuqqas ta' liema din tal-aħħar tkun nieqsa minn kull sens. L-appellanti żżid tgħid li billi adotta l-Artikolu 80 tar-Regolament Nru 207/2009, il-leġiżlatur tal-Unjoni xtaq jillimita s-setgħa ta' revoka tal-EUIPO għall-uniku każ previst f'dan l-artikolu.

25 Għaldaqstant, billi eżaminat il-possibbiltà li d-deċiżjoni tat-8 ta' Frar 2016 tiġi rrevokata permezz tal-adozzjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża abbażi tal-prinċipju ġenerali tad-dritt li jawtorizza l-irtirar ta' att amministrattiv illegali u tal-Artikolu 83 tar-Regolament Nru 207/2009, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi.

26 Fid-dawl ta' dawn l-argumenti tal-appellanti, għandu jiġi eżaminat jekk il-Qorti Ġenerali kisritx il-prinċipju li jipprovdi li liġi speċjali tidderoga minn liġi ġenerali billi bbażat ir-revoka tad-deċiżjoni tat-8 ta' Frar 2016 b'mod partikolari fuq il-prinċipju ġenerali tad-dritt li jawtorizza l-irtirar ta' att amministrattiv illegali.

27 Skont l-Artikolu 80(1) tar-Regolament Nru 207/2009, l-EUIPO għandu jiżgura li kull deċiżjoni vvizzjata bi żball proċedurali ovvju li huwa attribwibbli lilu tiġi rrevokata.

28 F'dan ir-rigward, fl-ewwel lok, għandu jiġi ppreċiżat li, għall-motivi indikati mill-Qorti Ġenerali fil-punt 29 u 33 sa 38 tas-sentenza appellata u mhux ikkontestati mill-appellanti, il-Bordijiet tal-Appell tal-EUIPO għandhom is-setgħa ta' revoka prevista fl-Artikolu 80(1) tar-Regolament Nru 207/2009.

29 Fit-tieni lok, għandu jiġi rrilevat li mill-kliem ta' din id-dispożizzjoni jirriżulta li żball proċedurali ovvju, fis-sens tal-imsemmija dispożizzjoni, huwa żball flagranti ta' natura proċedurali mwettaq mill-EUIPO.

30 Sabiex jiġi interpretat il-kunċett ta' "żball proċedurali ovvju", fis-sens ta' dan l-Artikolu 80(1), hemm lok li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, ma jittieħidx inkunsiderazzjoni biss il-kliem tagħha, iżda wkoll il-kuntest tagħha u l-għanijiet imfittxija mil-leġiżlazzjoni li minnha tifforma parti (sentenza tal-5 ta' Settembru 2019, Verein für Konsumenteninformation, C-28/18, EU:C:2019:673, punt 25).

31 Għal dak li jirrigwarda l-kuntest ta' din id-dispożizzjoni, għandu jiġi ppreċiżat li kemm l-Artikolu 80 kif ukoll l-Artikolu 75 tar-Regolament Nru 207/2009, relattiv għall-obbligu ta' motivazzjoni tad-deċiżjonijiet tal-EUIPO, jaqgħu fit-Titolu IX ta' dan ir-regolament intitolat "Proċedura". Għaldaqstant, mill-istruttura ġenerali tal-imsemmi regolament jirriżulta li l-iżbalji proċedurali li minħabba fihom l-EUIPO jipproċedi sabiex, skont l-Artikolu 80(1) jirrevoka d-deċiżjoni tiegħu, huma relatati b'mod partikolari ma' regoli proċedurali li jinsabu taħt dan it-titolu, bħall-obbligu ta' motivazzjoni.

32 Din l-interpretazzjoni hija kkorraborata wkoll mill-għan imfittex mill-imsemmi Artikolu 80(1). Din id-dispożizzjoni hija fil-fatt intiża sabiex timponi fuq l-EUIPO l-obbligu li jirrevoka deċiżjonijiet ivvizzjati bi żball proċedurali ovvju bl-għan li jiġu ggarantiti amministrazzjoni tajba kif ukoll ekonomija

tal-ġudizzju. B'teħid inkunsiderazzjoni ta' dan l-għan, ma hemm ebda raġuni sabiex jiġu eskluži mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 80(1) tar-Regolament Nru 207/2009 l-iżbalji manifesti mwettqa mill-EUIPO relattivi għall-ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni li għandu taħt l-Artikolu 75 tar-Regolament Nru 207/2009, li jaqa' taħt id-dispożizzjonijiet proċedurali tal-imsemmi regolament.

33 Barra minn hekk, l-imsemmija interpretazzjoni tirrifletti wkoll il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja li tipprovdi li l-obbligu ta' motivazzjoni jikkostitwixxi formalità essenzjali li għandha tiġi distinta mill-kwistjoni tal-fondatezza tal-motivazzjoni, billi din taqa' taħt il-legalità sostantiva tal-att ikkontestat (sentenza tal-10 ta' Lulju 2008, Bertelsmann u Sony Corporation of America vs Impala, C-413/06 P, EU:C:2008:392, punt 181).

34 Isegwi li kwalunkwe ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni, bħal nuqqas ta' motivazzjoni jew motivazzjoni insuffiċjenti, jikkostitwixxi żball proċedurali, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni u li nuqqas ta' motivazzjoni bħal dak identifikat mill-Qorti Ġenerali b'mod partikolari fil-punti 77 sa 82 tas-sentenza appellat, li jivvizzja d-deċiżjoni tat-8 ta' Frar 2016, irrevokata bid-deċiżjoni kontenzjuża, jikkostitwixxi tali żball proċedurali.

35 Barra minn hekk, peress li jirriżulta, minn naħa, mill-punti 48 sa 52 tas-sentenza appellata li l-EUIPO u repowermap.org kienu konxji min-nuqqas ta' motivazzjoni parzjali li kien qiegħed jivvizzja d-deċiżjoni tat-8 ta' Frar 2016 u, min-naħa l-oħra, fil-punt 82 ta' din is-sentenza li n-nuqqas ta' motivazzjoni inkwistjoni kien messu nissel dubji fi ħdan l-appellanti fir-rigward tal-legalità tal-imsemmija deċiżjoni, u dan l-appellanti ma tikkontestahx fl-istadji tal-appell, il-partijiet kollha kienu f'pożizzjoni li jidentifikaw in-nuqqas ta' motivazzjoni kkonċernat tant li huwa żball proċedurali ovvju fis-sens tal-Artikolu 80(1) tar-Regolament Nru 207/2009.

36 Isegwi li l-Artikolu 80(1) ta' dan ir-regolament kien, f'dan il-każ, applikabbli. F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi milqugħ l-ilment tal-appellanti li jipprovdi li, billi applikat il-prinċipju ġenerali tad-dritt li jawtorizza l-irtirar ta' att amministrattiv illegali minflok l-Artikolu 80(1) tal-imsemmi regolament, il-Qorti Ġenerali injorat il-prinċipju li liġi speċjali tidderoga mil-liġijiet ġenerali.

37 Madankollu, konformement ma' ġurisprudenza stabbilita, iż-żball ta' liġi hekk imwettaq mill-Qorti Ġenerali ma huwiex tali li jinvalida s-sentenza appellata għalkemm id-dispożittiv tagħha u, b'mod partikolari, il-konklużjoni li d-deċiżjoni tat-8 ta' Frar 2016 ġiet irrevokata b'mod validu bid-deċiżjoni kontenzjuża jidhru li huma fondati fuq motivi oħra ta' dritt. Fil-fatt, jekk il-motivi ta' sentenza tal-Qorti Ġenerali jiżvelaw ksur tad-dritt tal-Unjoni, iżda d-dispożittiv jidher fondat fuq motivi ta' dritt oħra, tali ksur ma jkunx tali li jwassal għall-annullament ta' din is-sentenza (sentenzi tat-30 ta' Settembru 2003, Biret International vs Il-Kunsill, C-93/02 P, EU:C:2003:517, punt 60 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tal-14 ta' Ottubru 2014, Buono *et* vs Il-Kummissjoni, C-12/13 P u C-13/13 P, EU:C:2014:2284, punt 62 u l-ġurisprudenza ċċitata).

38 Issa, mill-evalwazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-EUIPO kellu jirrevoka d-deċiżjoni tat-8 ta' Frar 2016 bid-deċiżjoni kontenzjuża adottata fuq il-bażi tal-Artikolu 80(1), tar-Regolament Nru 207/2009, b'tali mod li l-Qorti Ġenerali qieset ġustament li d-deċiżjoni tat-8 ta' Frar 2016 kienet ġiet irrevokata b'mod validu. Peress li d-dispożittiv tas-sentenza appellata jidher għaldaqstant ibbażat fuq il-motivi ta' dritt esposti fil-punti preċedenti tas-sentenza preżenti, hemm lok li l-motivi jiġu ssostitwiti u jiġi kkonstatat li l-iżball ta' liġi mwettaq mill-Qorti Ġenerali ma huwiex tali li jwassal għall-annullament tas-sentenza appellata (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-28 ta' Marzu 2019, River Kwai International Food Industry vs AETMD, C-144/18 P, mhux ippubblikata, EU:C:2019:266, punt 22).

39 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkonstatat li l-ewwel sar-raba' aggravju, li huma relatati kollha mar-raġunament tal-Qorti Ġenerali bbażat fuq il-prinċipju ġenerali tad-dritt li jawtorizza l-irtirar ta' att amministrattiv illegali u fuq l-Artikolu 83 tar-Regolament Nru 207/2009, huma ineffettivi. Għaldaqstant, hemm lok li jiġu miċħuda, mingħajr ma huwa neċessarju li tiġi eżaminata l-ammissibbiltà tal-ewwel, it-tieni u r-raba' aggravju, ikkontestata mill-EUIPO u repowermap.org, u

lanqas li tingħata risposta għall-argument ibbażat fuq il-fatt li l-Artikolu 80(1) tar-Regolament Nru 207/2009 jirregola b'mod eżawrjenti l-possibbiltajiet ta' revoka tad-deċiżjonijiet tal-EUIPO u jipprekludi għaldaqstant tali revoka meta l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' din id-dsipożizzjoni ma jkunux issodisfatti.

40 Għaldaqstant, l-ewwel sar-raba' aggravju għandhom jiġu miċħuda.

Fuq il-ħames aggravju, ibbażat fuq in-nuqqas ta' motivazzjoni tad-deċiżjoni kontenżjuza

– *L-argumenti tal-partijiet*

41 Permezz tal-ħames aggravju, l-appellanti tqis li r-riferiment li hija għamlet għad-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell Estiż ġie injorat. Skont l-appellanti, il-punt 24 ta' din id-deċiżjoni tikkonferma l-fatt li l-Bordijiet tal-Appell ma jistgħux jirrevokaw id-deċiżjonijiet tagħhom meta dawn ikunu s-suġġett ta' rikors quddiem il-Qorti Ġenerali. Għaldaqstant, ma huwiex possibbli li jitqies li d-deċiżjoni ċċitata iktar 'il fuq tal-Bord tal-Appell Estiż ma kinitx rilevanti fil-każ ineżami. L-appellanti tqis, min-naħa l-oħra, li din id-deċiżjoni hija rilevanti sa fejn hija tapplika għall-proċeduri bejn il-partijiet fid-dritt tat-trade marks.

42 Barra minn hekk, l-appellanti tqis li l-Qorti Ġenerali kkontradixxiet lilha nnifisha meta ddikjarat, minn naħa, fil-punt 80 tas-sentenza appellata, li l-Bord tal-Appell kellu jirrispondi għall-inqas b'mod sommarju għall-argumentazzjoni ddettaljata tal-appellanti u, min-naħa l-oħra, li l-Bord tal-Appell ma kienx obbligat jirrispondi għall-argument tal-appellanti bbażat fuq id-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell Estiż.

43 L-EUIPO u repowermap.org jikkonkludu li l-aggravju huwa inammissibbli u jikkontestaw, fuq il-mertu, l-argumenti tal-appellanti.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

44 Għandu jiġi rrilevat li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, appell għandu jindika b'mod preċiż l-elementi kritiċi tas-sentenza li l-annullament tagħha jkun qiegħed jintalab kif ukoll l-argumenti legali li jsostnu b'mod speċifiku din it-talba u fir-realtà ma għandux jikkostitwixxi talba għal sempliċi eżami mill-ġdid tar-rikors ippreżentat quddiem il-Qorti Ġenerali (sentenza tat-18 ta' Ottubru 2018, Gul Ahmed Textile Mills vs Il-Kunsill, C-100/17 P, EU:C:2018:842, punt 45 u l-ġurisprudenza ċċitata).

45 Fil-każ ineżami, għandu jiġi kkonstatat li permezz tal-argumentazzjoni tagħha bbażata fuq nuqqas ta' motivazzjoni tad-deċiżjoni kontenżjuza, l-appellanti timmina sempliċement id-deċiżjoni tal-EUIPO mingħajr ma tressaq l-inqas kritika dwar ir-raġunament adottat mill-Qorti Ġenerali. Għaldaqstant, tali argumentazzjoni, li ma hijiex diretta kontra s-sentenza appellata, hija inammissibbli fil-kuntest ta' appell (ara, b'analoġija, is-sentenza tas-16 ta' Novembru 2017, Ludwig-Bölkow-Systemtechnik vs Il-Kummissjoni, C-250/16 P, EU:C:2017:871, punt 28).

46 Għal dak li jirrigwarda l-argument li jipprovdi li l-Qorti Ġenerali kkontradixxiet lilha nnifisha meta ddikjarat, minn naħa, fil-punt 80 tas-sentenza appellata, li l-Bord tal-Appell kellu għall-inqas jirrispondi b'mod sommarju għall-argumentazzjoni ddettaljata tal-appellanti u,min-naħa l-oħra, li l-Bord tal-Appell ma kienx obbligat jirrispondi għall-argument tal-appellanti bbażat fuq id-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell Estiż, għandu jiġi rrilevat li l-appellanti ma tidentifikax il-punt ta' din is-sentenza li huwa kontradittorju mal-punt 80 tal-imsemmija sentenza u li l-argumentazzjoni tagħha ma tidhirx suffiċjentment ċara fl-intier tagħha sabiex ikunu jistgħu jiġu identifikati bil-preċiżjoni meħtieġa l-elementi kkritikati tas-sentenza appellata kif ukoll l-argumenti legali invokati insostenn ta' din

il-kritika u b'hekk il-Qorti tal-Ġustizzja hija prekluża milli twettaq l-istħarriġ tagħha tal-legalità (ara, għal dak li jirrigwarda r-rekwiżit ta' ċarezza tal-argumentazzjoni, id-digriet tat-30 ta' Jannar 2014, Fercal vs UASI, C-324/13 P, mhux ippubblikat, EU:C:2014:60, punt 37 u l-ġurisprudenza ċċitata).

47 Għaldaqstant, il-ħames aggravju għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli.

48 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha jirriżulta li l-appell għandu jiġi miċħud kollu kemm hu.

Fuq l-ispejjeż

49 Skont l-Artikolu 184(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, meta l-appell ma jkunx fondat, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiddeċiedi dwar l-ispejjeż. Skont l-Artikolu 138(1) tal-istess Regoli, applikabbli għall-proċedura ta' appell bis-saħħa tal-Artikolu 184(1) tagħhom, il-parti li titlef għandha tbati l-ispejjeż jekk dawn ikunu ntalbu.

50 Peress li l-appellanti tilfet, hemm lok li tiġi kkundannata għall-ispejjeż kif mitlub mill-EUIPO u minn repowermap.org.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) L-appell huwa miċħud.

2) Repower AG hija kkundannata għall-ispejjeż.

Firem